MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 42/1994/1

**Salvu u Josephine konjugi Spiteri**

**v.**

**Grazia sive Cetta xebba Grima; u b'digriet tal-4 ta' Settembru 1995, Dr. Alfred Grech gie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta l-assi ereditarji u ta' Grazia Grima li mietet fil-mori tal-kawza, u b'digriet tad-29 ta' Frar 2008 Louis Vincent sive Vincent Buttigieg, gie awtorizzat sabiex jidher f'din il-kawza fl-interess tal-assi ereditarji ta' Grazia sive Cetta xebba Grima**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

1. Dan hu appell interpost mill-atturi minn sentenza moghtija fis-19 ta' Ottubru 2010 mill-Qorti Tal-Magistrati [Ghawdex] Superjuri, Gurisdizzjoni Generali li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi: laqghqet l-ewwel zewg talbiet limitatament fis-sens li ddikjarat li l-atturi rrendew diversi servigi, kuri u assistenzi lill-mejta Annunzjata Grima u lil ohtha l-konvenuta Grazia Grima [illum ukoll mejta]; cahdet it-tielet u r-raba' talbiet; u laqghet il-hames u s-sitt talbiet billi ordnat lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' €20,556 bhala kumpens iffissat mill-ewwel Qorti ghas-servigi rezi minnhom lil fuq imsemmija ahwa Grima; u ordnat li l-ispejjez jigu sopportati in kwantu ghal terz [$^1/_3$] mill-atturi u zewg terzi [$^2/_3$] mill-konvenuti.

## Il-Fatti

2. Il-fatti relevanti ghal dan l-appell huma dawn.

3. F'xi zmien qabel is-sena 1989 l-atturi kienu pprestaw servigi lil Grazia Grima u lil ohtha Annunzjata, billi l-attur kien jiehu hsieb il-gnien tad-dar

taghhom, filwaqt li l-attrici kienet taghmlilhom "xi facenda"[1]. Huwa pacifiku li ta' dawn is-servigi l-atturi kienu thallsu mill-konvenuta Grima.

4. Fis-sena 1989 Annuzjata Grima kienet iddahhlet l-isptar, u eventwalment f'Settembru tal-istess sena mietet. Sadanittant l-atturi kienu komplew jipprestaw is-servizzi taghhom liz-zewg ahwa u s-servigi zdiedu fis-sens li bdew isiru fuq bazi regolari, kemm bin-nhar kif ukoll bil-lejl.

5. L-atturi jghidu li ta' dawn is-servigi, salv ghal xi haga zghira ta' flus li okkazjonalment kienet taghtihom Grazia Grima, huma ma kienux jithallsu u dan peress li, skont l-istess atturi, kien intlahaq ftehim bejnhom u bejn Grazia Grima li din tiktbilhom fit-testment legat remunerattiv konsistenti f'zewg fondi proprjeta` taghha. Dawn huma l-fond qadim gewwa Racecourse Street, Nadur li kien qed jinghata bhala hlas ghad-diversi servigi li huma kienu rrendew lil ohtha Annunzjata, u il-porzjon raba gewwa Racecourse Street, Nadur li kellu jinghata bhala hlas ghas-servigi li huma kienu qed jirrendu lilha.

6. Fis-7 ta' Novembru 1989 l-attur kien akkompanja lill-istess Grazia Grima ghand in-nutar u din ghamlet testment fejn *inter alia* halliet b'legat lill-atturi z-zewg fondi fuq indikati. Izda fl-20 ta' Dicembru 1989 Grazia Grima, ad insaputa tal-atturi, marret ghand in-nutar u rrevokat il-legati mhollija lilhom.

[1] Dikjarazzjoni Attrici – fol.6

7. Meta l-atturi saru jafu minghand in-nies li Grazia Grima kienet hassret il-legati imhollija lilhom, dawn waqqfu jipprestawlha servigi. Sussegwentement kien hemm zmien meta huma kienu regghu bdew jipprestaw servigi lil Grima, meta dina kienet regghet weghdithom li ser thallilhom il-fondi fuq indikati, izda wara li dan ma mmaterjalizzax, l-atturi waqqfu l-ghajnuna taghhom.

8. Wara li mietet Grazia Grima, l-imsemmija fondi nbighu lil terzi, u ghalhekk il-pretensjoni tal-atturi ma baqghetx tikkonsisti fit-trasferiment lilhom tal-fondi fuq indikati, izda f'kumpens dovut lilhom bazat fuq il-valur ta' dawk l-istess fondi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom[2] l-atturi indikaw li il-kumpens pretiz minnhom ikun fl-ammont ta' mill-anqas ta' LM224,200.

9. Mir-relazzjoni tal-Perit Edward Scerri[3] jirrizulta li l-proprjeta` immobbli kontenuta fl-assi ereditarja ta' Grazia Grima ghandha valur ta' kwazi LM500,000.

## Is-Sentenza Appellata

10. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet kemm ta' natura legali kif ukoll ta' natura fattwali.

> "Illi permezz ta' din il-kawża, l-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni tal-kumpens li jidhrilhom li ħaqqhom għal diversi serviġi li huma jgħidu li rrendew għal xi żmien lill-konvenuta u lill-oħtha Annunziata Grima, li ma kienux miżżewġin. Jitolbu wkoll il-kundanna tal-konvenuta, f'isimha proprju u bħala eredi ta' l-

[2] Tal-15 ta' Lulju 2010

[3] Inserita fl-atti tar-rikors 34/99G7 quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Volontarja.

imsemmija oħtha, għall-ħlas ta' l-ammont hekk likwidat. Il-konvenuta Grazia Grima fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħha, tiċħad li l-atturi rrendew xi serviġi lilha u lill-oħtha li tagħhom ma ġewx ikkumpensati, u fi kwalunkwe każ tikkontendi illi l-kumpens pretiż huwa wieħed esaġerat.

"Irriżulta mill-provi prodotti illi l-aħwa Grima, żewġ xebbiet anzjani, kienu jgħixu waħedhom fir-residenza tagħhom in-Nadur. Għal xi żmien limitat l-atturi rrendew diversi serviġi lill-imsemmija aħwa Grima, konsistenti f'illi l-attur kien jieħu ħsieb il-kura u koltivazzjoni tal-ġnien anness mad-dar tagħhom u l-attriċi kienet tagħmel xi faċendi tad-dar u meta Annunziata Grima kienet rikoverata għal bejn ġimgħa u ħmistax-il ġurnata l-isptar, kienet tmur iżżurha u tieħu ħsiebha. Dawn is-serviġi ġew deskritti f'ħafna iżjed dettal fir-rapport peritali ta' l-avukat Dottor Carmelo Galea u a skans ta' ripetizzjonijiet inutili l-Qorti qegħda tagħmel referenza sħiħa għall-paragrafi ħamsa (5) sa tletin (30) ta' l-istess rapport.[4]

Teżisti ġurisprudenza vasta tal-Qrati tagħna fis-sens illi *omnia labor optat premium* u għalhekk ħadd m'għandu jiġi preżunt illi qed jirrendi serviġi gratwitament u mingħajr intenzjoni ta' xi kumpens. Hekk per eżempju f'sentenza ta' din il-Qorti li tiġi ċċitata regolarment f'kawżi simili: "Giuseppa Spiteri vs Henry Micallef et." (deċiża : 5.3.1974) jingħad speċifikatament illi:

> "*In tema legali l-ġurisprudenza tagħna hija konkordi fil-prinċipju li fil-każ ta' serviġi jista' jkun dovut kumpens anki jekk dan ma jkunx pattwit, meta mill-konkors taċ-ċirkostanzi jidher li l-ħlas hu dovut. Ġie kemm-il darba ritenut li l-prestazzjoni gratwita m'għandhiex tkun preżunta, u l-intenzjoni li wieħed jirregala s-serviġi tiegħu u jirrinunzja għall-kumpens m'għandhiex tiġi faċilment akkolta. Hekk kwalunkwe serviġi jiġi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens; (ara Balzan et vs Degiogio et: 23.2.1959, Vol. XLIII. II. 649; Axiaq vs Mifsud et.: 9.1.1952, Vol. XXXVI. III. 588 u l-ġurisprudenza hemm ikkwotata). Dana għandu japplika b'mod speċjali fil-każ ta' serviġi hekk imsejħa 'di bassa lega' bħal ma huma l-ħasil tal-ħwejjeġ maħmuġa u faċendi tad-dar,….."*

"Dwar il-mod kif kellu jiġi likwidat dan il-kumpens ġie spjegat illi:

> "*Għall-finijiet tal-quantum tas-serviġi, wieħed għandu jżomm f'moħħu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li bbenefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela ta' l-atturi mal-konvenuta. Konsiderazzjonijiet oħra li ġieli ġew konsidrati mill-Qorti tagħna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess saħħtu biex jaqdi lill-ħaddieħor, jekk humiex affarijiet li mhux kulħadd kapaċi jidħol għalihom, bħal meta l-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (ez. ħasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjeż li tagħhom ma jkunx ġie rimborsat fil-mument tal-ħruġ tagħhom.*
>
> *Bħala regola ġenerali, l-kumpens mogħti jkun ftit jew wisq, imqaddes meta l-benefiċċjarja tkun marida jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bżonn assistenza personali u kontinwa.*
>
> *Minn studju tal-ġurisprudenza lokali, wieħed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jingħataw kważi dejjem*

[4] a fol. 93 - 100 tal-process .

*minħabba raġunijiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke għaliex it-talba għall-ħlas ta' serviġi hi bbażata fuq kważi-kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nħoloq bejn min jirrendi s-serviġi u l-benefiċjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-serviġi, iżda għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi oħra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-serviġi resi u l-ħlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xogħol li sar, iżda adegwat meħud kont taċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ.*" [5]

"Huwa evidenti illi ta' dak li rriżulta li għamlu l-atturi ma' l-aħwa Grima fl-aħħar snin ta' ħajjithom ħaqqhom li jiġu kkumpensati. Fiċ-ċitazzjoni tagħhom l-atturi talbu li jiġu kkumpensati għal dawn is-serviġi b'fond qadim u biċċa raba f'triq it-Tigrija', n-Nadur, li allegatament ġew imwegħda lilhom mill-konvenuta u oħtha. Billi, pero' dawn il-beni ġew ittrasferiti mill-esekutur testamentarju tal-konvenuta fil-mori tal-kawża, l-atturi bdew jippretendu illi issa għandhom jiġu kkumpensati bil-valur ta' l-istess beni fi flus kontanti.

"Il-perit legali ma qabel xejn ma' din il-pretensjoni ta' l-atturi u dan għaliex l-atturi riedu fl-ewwel lok iġibu prova illi verament kienet saret wegħda mill-konvenuta u oħtha illi jsir dan it-trasferiment, u mbagħad illi din il-wiegħda tkun saret fil-forma preskritta mil-liġi. Dwar l-ewwel rekwiżit ma tressqet ebda prova, ħlief illi l-konvenuta fit-testment tagħha tas-7 ta' Novembru 1989 kienet ħalliet b'titolu ta' legat lill-attriċi porzjon art fi Triq it-Tigrija, n-Nadur.[6] Apparti l-fatt illi dan il-legat ġie revokat xahar u nofs wara biss,[7] laxxitu f'testment ma jista' qatt jiġi nterpretat bħala wegħda li biha xi ħadd jobbliga ruħu li jittrasferixxi xi ħaġa, imma biss intenzjoni tal-mument, li wieħed huwa fil-liberta' kollha li jirrevoka x'ħin u meta jrid sakemm għadu ħaj, kif infatti ġara fil-każ in eżami.

"Dwar it-tieni rekwiżit imbagħad, il-liġi tagħna tiddisponi illi sabiex tkun valida wegħda ta' trasferiment ta' beni mmobbli, din trid neċessarjament *ad validitatem* issir bil-miktub.[8] Fil-każ in eżami, mhux talli ma ġiex ippruvat li saret tali wegħda, imma wisq inqas ġiet prodotta xi skrittura kif tiddisponi l-liġi għall-validita` ta' din il-wegħda.

"Il-periti addizzjonali għall-istess raġunijiet ikkonfermaw dawn il-konklużjonijiet fir-rapport tagħhom ukoll.[9]

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jiċċitaw minn sentenzi tal-qrati tagħna fejn dawn aċċettaw illi min ikun ġie mwiegħed xi ħaġa partikolari bħala kumpens għas-serviġi reżi, għandu dritt li jesiġi li jingħata dik il-ħaġa u mhux neċessarjament il-valur ta' dawn is-serviġi fi flus.[10] Imma kif sewwa osserva l-

[5] Prim'Awla: Anthony Catania pro et noe et. vs Maria Agius: 11.12.2003 /

[6] ara art. VI ta' dan it-testment in atti Nutar Dr. Michael Refalo, kopja ta' liema tinsab esebita bħala Dok. SS 4 a fol. 26 - 29 tal-process .

[7] ara kopja tat-testment ta' Grazia Grima tal-20 ta' Diċembru 1989, esbeita bħala Dok. SS 3 a fol. 24 - 25 /

[8] art. 1233 tal-kap. 16 .

[9] ara para. 17 sa 28 ta' dan ir-rapport

[10] ara Nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi tal-15 ta' Lulju 2010 .

konvenut nomine fin-nota responsiva tiegħu,[11] fil-każijiet ċċitati, kontra għal dak li rriżulta fil-każ in eżami, kienet tassew saret tali wegħda.

"B'daqshekk pero' ma jfissirx illi l-atturi ma ħaqqhomx jiġu kkumpensati ta' dak li għamlu mal-konvenuta u oħtha, bir-rati li normalment jitħallsu servizzi tat-tip msemmija minn persuni li ma kienu jiġu xejn mis-servuti. Infatti l-perit legali llikwida l-ammont realment dovut fis-somma totali ta' Lm8825 jew aħjar EUR20556 fi flus ta' llum, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ, inkluż il-fatt tad-dewmien biex tasal fi tmiemha din il-kawża.[12] Il-periti addizzjonali qablu ma' din iċ-ċifra għar-raġunijiet minnhom indikati fir-rapport tagħhom,[13] u li din il-Qorti taddotta *in toto*. Taqbel ukoll ma' l-istess periti fir-rigward ta' l-allokazzjoni tal-ispejjeż ta' din il-kawża, fis-sens illi terz (1/3) minnhom għandhom jiġi ssoportati mill-atturi stess, tenut kont tal-pretensjonjiet pjuttost esaġerati li kellhom fir-rigward tal-*quantum* tal-kumpens dovut."

**<u>L-Appell</u>**

11. Fir-rikors tal-appell taghhom l-atturi talbu li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonferma t-tielet kap., fejn cahdet it-tielet u r-raba' talbiet, thassar il-bqija tas-sentenza, u minflok tilqa' t-talbiet l-ohra b'dan li l-kumpens ikun ekwivalenti ghall-valur tal-proprjeta` immobbli msemmija fl-ewwel u fit-tieni talba[14], bl-ispejjez taz-zewg istanzi a kariku tal-konvenut nomine.

12. Huma bbazaw l-appell taghhom fuq tlett aggravji: [1] li l-ewwel Qorti ma setghetx tohrog mil-limiti tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet, kif temergi mill-att tac-citazzjoni u min-nota tal-eccezzjonijiet; [2] li l-ezistenza tal-weghda maghmula minn Grazia Grima lill-atturi tirrizulta provata; u [3] li l-komputazzjoni tal-kumpens ma kellux jikkonsisti f'semplici ezercizju

[11] Ta' l-4 ta' Awwissu 2010 .
[12] ara konkluzjonijiet peritali, para. 61 tar-rapport ta' Dr. C. Galea a fol. 111 - 113 tal-process .
[13] ara para. 30 - 39 ta' dan ir-rapport .
[14] Il-fond u r-raba go Racecourse Street, fuq indikati

matematiku, imma kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra, fosthom il-valur sostanzjali tal-assi ereditarju tad-defunta Grazia Grima.

13. Min-naha tieghu l-konvenut nomine talab li l-appell jigi michud, u s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi. Fir-risposta tieghu l-konvenut jissenjala s-segwenti: li l-eccezzjoni tal-konvenuta tikkomprendi kontestazzjoni ta’ dak allegat mill-atturi, inkluz l-ezistenza ta’ ftehim bejn l-atturi u Grazia Grima; li ma saritx prova sodisfacenti ta’ xi ftehim validu bejn dawn tal-ahhar; u li fil-komputazzjoni tal-ammont dovut bhala servigi ghandu jittiehed kont tal-element tal-proporzjonalita` bejn is-servigi rezi u l-kumpens pretiz, kif ukoll li dan tal-ahhar ikun fil-limiti tar-ragjonevolezza.

*L-ewwel aggravju*

14. Dan hu fis-sens li l-kontroversja li titressaq quddiem il-Qorti tigi fissata mill-partijiet u mhux mill-Qorti, u li l-Qorti ghandha tagixxi biss fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fil-kaz prezenti l-konvenuta ma eccepietx li hija ma kienitx weghdithom il-proprjeta` immobbli kif affermat mill-atturi fic-citazzjoni taghhom, u ghalhekk dan il-fatt m’huwiex parti mill-kontroversja bejn il-partijiet. F’dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti ma setghetx tidhol f’evaluwazzjoni tal-provi dwar l-ezistenza o meno ta’ dan il-ftehim.

15. L-eccezzjoni tal-konvenuta taqra hekk:

> "Illi l-kumpens li qed jigi pretiz mill-atturi huwa wiehed esagerat u dan ghaliex is-servizzi moghtija mill-atturi li taghhom ghadhom ma gewx retribwiti kien ferm limitat."

16. Fid-dikjarazzjoni guramentata taghha l-konvenuta tghid:

> "..Illi l-esponenti ma taqbilx mad-dispozizzjoni [recte: espozizzjoni] tal-fatti rizultanti mid-dikjarazzjoni tal-atturi, u dan sew ghal dak li huwa perijodu ta' servizzi resli lil Annunziata Grima, kif ukoll in-naturi tal-istess servizzi allegati……fil-fatt Annunzjata Grima damet biss ghaxart ijiem l-isptar, u mietet tlett gimghat wara. Kwalsiasi servizzi kienu rari u sporadici u kien proprju ghalhekk li l-konvenuta qatghet ir-relazzjonijiet maghhom."

17. Din il-Qorti tosserva li inerenti ghall-oppozizzjoni tal-konvenuta ghall-pretensjonijiet tal-atturi in kwantu ghall-*quantum* tal-kumpens, hemm l-kontestazzjoni da parti taghha tal-pretensjoni tal-atturi kif formulata fl-att tac-citazzjoni, u cioe` l-weghda tal-laxxitu b'legat tal-fondi hemm indikati. B'din l-eccezzjoni, il-konvenuta Grima qed tikkontesta bhala esagerat il-kumpens pretiz mill-atturi, u ghalhekk, ghalkemm indirettament, qed tikkontesta l-allegazzjoni attrici li kien hemm xi ftehim fis-sens pretiz mill-atturi li jorbot lilha.

18. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-*litis contestatio* meta, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-eccezzjoni sollevata, hija ezaminat il-provi sabiex tidditermina jekk fil-fatt il-ftehim pretiz mill-atturi kienx jezisti jew le, ghax f'kaz affermattiv l-*quantum* tal-kumpens ikun diga` gie fissat mill-partijiet bi qbil bejniethom, filwaqt li f'kaz negattiv, allura l-Qorti jkollha l-kompitu li tiffissa hi l-kumpens dovut.

19. Barra minnhekk, ladarba ma kienx hemm verbalizzat qbil bejn il-partijiet, il-Qorti kienet dejjem tenuta li tezamina fil-kuntest tal-provi kull fatt allegat, kemm mill-atturi kif ukoll mill-konvenuta. Ghalhekk, fil-kaz odjern, fin-nuqqas ta' qbil da parti tal-konvenuta li kien jezisti dan il-ftehim pretiz mill-atturi, u wkoll in vista tal-fatt li t-talbiet attrici qed jigu kontestati, il-vertenza dwar l-ezistenza o meno tal-ftehim pretiz hija materja relevanti hafna u li taqa' fil-parametri tal-azzjoni odjerna.

20. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

21. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni opposta ghal dik li waslet ghaliha, u cioe` li mill-provi akkwiziti jirrizulta li fil-fatt hemm provi li jsostnu t-tezi attrici dwar l-ezistenza ta' ftehim konsistenti fil-weghda da parti tal-konvenuta Grazia Grima li thalli b'titolu ta' legat lill-atturi zewg fondi proprjeta` taghha. Di fatti kien sar testment f'dan is-sens, liema fatt huwa "indizju" tal-ezistenza tal-weghda maghmula, anke jekk wahdu ma jibbastax bhala prova taghha.

22. L-atturi jghidu li hemm elementi ta' prova ohra li jsostnu t-tezi taghhom, u cioe` id-dikjarazzjoni guramentata taghhom, kif ukoll id-depozizzjoni tal-Eccellenza Tieghu l-Isqof Nikol Cauchi fejn xehed hekk:

> "L-atturi…. kienu qed jitolbu li hija [Grazia Grima] tatihom bicca raba minn fost ir-raba li kellha, u jekk taghmel hekk huma kienu lesti li jintrabtu li jduru biha….. fl-ahhar kienet qablet li tmur ghand in-nutar u tirranga t-testment, izda milli jidher m'ghamlet xejn minn dan. L-attrici lili tatni x'nifhem li hija xtaqet madwar siegh raba minghand Cetta"

23. Fil-fehma tal-atturi l-fatt li Grazia Grima ghamlet testment fejn halliet il-legati pretizi mill-atturi, u l-fatt li l-attrici kienet appellat lill-Monsinjur Cauchi sabiex jipprova jipperswadi lil Grima taccetta l-offerta taghhom, huma elementi ta' prova li jsostnu l-ezistenza tal-allegat ftehim.

24. Din il-Qorti hi tal-fehma li dawn l-elementi ta' prova senjalati mill-atturi biex isostnu l-pretensjoni taghhom juru proprju l-kuntrarju, u cioe` li Grazia Grima ma rieditx tihdol f'dak il-ftehim. Tant hu hekk li minkejja li kienet tidher li accettat li thalli l-fondi lill-atturi bit-testment tas-7 ta' Novembru 1989, f'liema okkazzjoni kien wassalha ghand in-nutar l-attur, izda xahar u nofs wara, hija rrevokat dawk il-legati, u dan *ad insaputa* tal-atturi li, skont huma, kienu saru jafu b'dan minghand in-nies.

25. Anke x-xhieda ta' Monsinjur Cauchi fil-fehema ta' din il-Qorti titfa' dubju dwar ir-rieda vera ta' Grazia Grima li din tidhol fil-ftehim li xtaqu l-atturi, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

26. Fl-ewwel lok, il-fatt *ut sic* li l-atturi sa marru ghand l-isqof, personagg influwenti fil-Gzira ta' Ghawdex, sabiex dan juza l-influwenza tieghu u jipprova

jikkonvinci lil Grazia Grima taccetta l-ftehim, huwa fih innifsu prova tar-riluttanza li kienet turi l-istess Grima.

27. Fit-tieni lok, il-fatt li l-atturi, partikolarment l-attrici kienu marru jkellmuh "diversi drabi" juri min-naha wahda l-grad tal-insistenza da parti tal-atturi li jipprovaw jaslu fil-ftehim li xtaqu, u min-naha l-ohra l-grad tar-riluttanza ta' Grima li taccetta.

28. Fit-tielet lok, tant Grima ma rieditx taccetta l-offerta li kienu qed jaghmlulha l-atturi li mill-istess depozizzjoni jirrizulta li din, ghalkemm quddiem l-isqof accettat li tirranga t-testment tal-20 ta' Dicembru 1989 xorta wahda baqghet ma rrangatux. Ix-xhud jghid:

> "Fl-ahhar [*sic*] kienet qablet li tmur ghand in-nutar u tirranga it-tesment, izda milli jidher ma ghamlet xejn minn dan."[15]

29. Minn din il-parti tax-xhieda jirrizulta li, ghalkemm il-konvenut "fl-ahhar" accettat, u cioe` qalet 'iva' lix-xhud, hija xorta wahda ghamlet dak li riedet u ma rrangatx it-testment. Dan juri li x-xewqa tal-konvenuta kienet li ma taccettax.

30. Il-premess jimmilita kontra t-tezi attrici. Mill-provi jirrizulta li kienet saret insistenza kbira mill-atturi sabiex Grazia Grima taccetta l-offerta taghhom u fil-fehma ta' din il-Qorti kien hemm ukoll certu pressjoni da parti taghhom tant li sa l-attur hadha ghand in-nutar sabiex thallilhom il-proprjeta`, izda, ghalkemm

[15] Fol.120 – sottolinear tal-Qorti

Grima f'dik l-okkazzjoni marret mieghu u ghalkemm fl-ewwel testment halliet il-legati pretizi mill-atturi, hija fil-verita` ma rieditx taccetta il-proposta taghhom. Tant li, f'anqas minn xahar u nofs wara, hija hassret dik il-parti tat-testment, u, minkejja l-intervent tal-isqof, xorta wahda baqghet ma rrangatx it-tieni testment.

31. Tant Grazia Grima ma rieditx taccetta l-ftehim li, kif mistqarr mill-atturi fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom, meta l-attrici qalet lill-konvenuta b'dak li kienet semghet minghand in-nies, u cioe` li mhux minnu li kienet kitbitilhom il-fond, il-kovenuta cahdet maghha li kienet qalet hekk – izda *"l-ghada l-konvenuta [recte: l-attrici] regghet sabet il-bieb tal-konvenuta msakkar. Dan kien ghall-ahhar ta' Awwissu 1993. Minn dak in-nhar 'il quddiem l-atturi ma rrendew ebda servigi lill-konvenuta."*[16]

32. Il-Qorti tosserva li sabiex issehh konvenzjoni jew ftehim fil-ligi jehtieg li jkun hemm l-*idem placitum consensus*, u cioe` il-fuzjoni tal-volonta` taz-zewg partijiet. Dan huwa wiehed mill-ingredjenti essenzjali sabiex legalment isehh kuntratt jew ftehim bejn il-partijiet. Minghajr dan l-ingredjent ir-rabta kuntrattwali ma tinholoqx. Fil-kaz in dizamina, dan l-ingredjenti ma jirrizultax sodisfacentmenet provat. Din il-Qorti tirravviza li mill-provi ma jirrizultax li kien hemm il-volonta` libera da parti tal-konvenuta Grima li taccetta l-allegat ftehim. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta kemm fil-konsiderazzjonijiet taghha kif

[16] Fol.7

ukoll fil-konkluzjoni taghha li l-atturi ma rnexxielhomx jipprovaw l-ezistenza tal-ftehim allegat minnhom.

33. Fil-mankanza ta’ din il-prova, il-konsiderazzjonijiet tal-atturi bazati fuq l-allegat ftehim, isiru superfluwi, u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tikkummenta dwarhom.

34. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tielet aggravju*

35. Dan hu fis-sens li l-atturi kellhom jinghataw kumpens ekwivalenti ghall-valur tal-immobbli li l-konvenuta Grima kienet weghdithom. Inoltre, fil-likwidazzjoni tas-servigi m’ghandux jinghata kont biss tal-valur intrinsiku taghhom daqskemm tac-cirkostanzi konkommitanti tal-kaz, u jsemmu kazistika lokali fejn il-Qorti tat kumpens ferm oghla mill-hlas ta’ seftura domestika wara li hadet kont tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluz il-konsistenza tal-assi ereditarju.[17] L-atturi jghidu li fil-kaz prezenti hemm assi sostanzjali konsistenti f’diversi fondi immobbli ta’ valur sostanzjali, filwaqt li l-weghda lill-atturi kienet semplicement ta’ parti zghira minn dawn il-fondi.

[17] PA Felicia Felice vs Giuseppe Vella, deciza 22 Gunju 1875; u PA Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat, deciza 17 Marzu 2010.

36. Min-naha tieghu l-konvenut nomine, filwaqt li jaccetta li l-atturi ghandhom jigu kompensati tas-servigi rezi minnhom lil ahwa Grima, jghid li l-Qorti ghandha fic-cirkostanzi tal-kaz timxi abbazi tal-gustizzja u tistabbilixxi hija stess liema jkun il-kumpens gust dovut ghas-servigi rezi, b'mod li allura l-*quantum* tal-kumpens ikun wiehed ragjonevoli u proporzjonat ghas-servigi rezi u ghac-cirkostanzi tal-kaz.

37. Din il-Qorti tosserva li l-ammont ta' €20,556 li waslet ghalih l-ewwel Qorti li accettat il-komputazzjoni dettaljata maghmula mill-perit legali u sottoskritta mill-periti perizjuri, huwa wiehed ragjonevoli u gust fic-cirkostanzi, tenut kont tas-segwenti fatturi: il-fatt li s-servigi kienu jigi pprestati mill-atturi regolarment u kwotidjanament, bin-nhar u anke bil-lejl; in-natura tas-servigi li kienu jinkludu dawk imsejjha *di bassa lega*; il-karattru difficli u ezigenti tal-ahwa Grima; il-fatt li ma kien jezisti ebda legam ta' parentali bejn il-partijiet; il-fatt li l-atturi kienu ghamluha cara ma' Grazia Grima li huma kienu qed jipprestaw is-servigi espressament bl-iskop li jigu kompensati; u anke, il-fatt li l-assi ereditarju huma ta' valur sostanzjali.

38. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjez ta' dan l-appell a kariku tal-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------